MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Numru. 968/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH HERSEY**

**KONTRA**

**EMANUEL ZARB ta' 46 sena, iben Carmelo u Antonio nee' Zahra, imwieled il-Gzira nhar id-9 ta' Dicembru, 1962, residenti fil-fond numru 46, Triq il-Ghajn, Swieqi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 45063M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **EMANUEL ZARB** li gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tas-12.45hrs f'San Giljan:

1. Ippermetta lil Joseph Bugeja detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 484242M isuqw vettura ta' ghamla

Ford Transit ta' kulur ahmar minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dawr ir-riskji ta' terzi persuni;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal licenzja tal-*windscreen* li tappartjeni vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni originali GMY 396 u bin-numru tar-registrazzjoni GMY 051, liema numri jappartjenu vettura ohra;

3. U aktar talli ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal licenzja tal-*windscreen* bin-numru serjali C492241 li tappartjeni vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni originali GMY 051, u numri tar-registrazzjoni li jappartjenu vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni originali GMY 051;

4. U aktar talli ippermetta l-uzu ta' vettura bin-numru ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, u cioe' ppermetta l-uzu ta' pjanci bin-numri tar-registrazzjoni originali GMY 051 ta' vettura Transit, fuq il-vettura ta' ghamla Transit li kien qieghed isuq Joseph Bugeja (Sec 15(1A) Chap 65), u aktar bhala sid ta' vettura ta' ghamla Ford Transit naqas li jirregistra din il-vettura ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tkun fit-triq;

5. U aktar talli bhala persuna ghad li ma kienx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b), u (c) b'xi mod li jkun, xjentement ikun ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt f'atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a folio 6 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li fis-27 ta' April, 2005 verament intalbet korrezzjoni ta' l-akkuza, u rega' sar l-ezami mil-gdid. Dakinhar ovvjament l-akkuza regghet giet moqrija bil-gurament, allura giet ukoll notifikta fl-istess gurnata.

Illi f'dan ir-rigward l-Avukat Difensur tenut kont tad-data ta' l-akkuza 18 ta' Gunju, 2004, ghandu ragun li ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104, din l-akkuza hija preskritta. Dan jirrizulta ampjament anke mill-istess xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur a folio 8 – 10.

Daqstant iehor ghandha ragun id-Difiza fil-konfront tat-tieni u t-tielet akkuza. In-*number plate* mwahhla fuq vettura bhala fatt certament ma tappartjenix dik il-vettura, pero ma hemm ebda falsifikazzjoni li saret fuqha. Ir-reat li dahal fis-sehh bl-Avviz Legali 476/2004 f'Ottubru, certament huwa antecedenti ghar-reati in dezamina taht l-Artikolu 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont li r-reati in dezamina gew allegatament kommessi f'Gunju, 2004. Allura hawn il-Qorti thaddan ukoll il-principju *nullum crimen sine lega*.

Ma taqbilx pero din il-Qorti ma' dak sottomess mid-Difiza fir-rigward tar-reat ikkontemplat fir-raba' akkuza – certament dan jirriuzlta b'mod car mill-povi prodotti, in partikolari mill-istqarrija ta' l-istess **EMANUEL ZARB**. Huwa zgur li l-pjanci li tqieghdu fuq il-van uzat kienu ta' van iehor u li **EMANUEL ZARB** ippermetta l-uzu ta' dan il-van bi *plates* mhux tieghu. Daqstant iehor *ex admissis* naqas li jirregistra l-van l-iktar gdid.

Ghaldaqstant fil-waqt il qieghda tilliberah fil-konfront ta' l-ewwel(1), it-tieni(2), u t-tielet(3) akkuza, issibu hati taht ir-raba'(4) akkuza u tikkundannah ghal multa ta' €233(mitejn u tlieta u tletin Ewro). Qieghda wkoll tiskwalifikah milli

jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal tlitt(3) xhur mill-lum.

Qieghda tilliberah ukoll mill-hames(5) akkuza, in kwantu certament **EMANUEL ZARB** kien l-awtur tar-reati ravisati fl-akkuzi migjuba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------